# Kwadru "Ex Voto" ta' Sta. Katarina



### *X'inhu kwadru "Ex Voto"*

F'diversi knejjes fil-Gżejjer Maltin, ġeneralment dawk dedikati lill-Verġni Marija, għadhom jeżistu kwadri żgħar imsejħa "Ex Voto". Dawn kienu kwadri preżentati lill-Madonna minn xi ħadd li jkun qala' grazzja bl-interċessjoni tagħha, wara li jkun għamel wegħda magħha. Tant hu hekk, li kważi dejjem jidhru f'dawn il-kwadri l-ittri kapitali V.F.G.A. (Voto Fatto Gratia Avuta), li jfisser "qlajt il-grazzja wara li għamilt il-wegħda". Il-kwadri jirrapreżentaw ħafna drabi l-ħelsien minn xi għarqa wara tempesta, attakk minn xi ħuta kbira jew taqbid ma' l-għadu Tork. Għalhekk ħafna minnhom ġew ippreżentati lill-Verġni Marija minn baħħara Maltin jew membri ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Iżda ħafna oħrajn ifakkru xi grazzja maqlugħa wara marda kiefra jew xi inċident ikrah. Aktarx li fil-kwadru tidher ix-xbieha tal-Verġni Marija taħt it-titlu li miegħu tkun saret il-wegħda. Hekk per eżempju, meta l-wegħda tkun saret mad-Duluri, tidher ix-xbieha ta' Marija Addolorata, filwaqt li meta l-wegħda tkun saret mal-Madonna tad-Dawl, tidher ix-xbieha ta' din. Aktarx li l-kwadri jkunu adattati wkoll, iżda rari ferm li jkunu ffirmati mill-pittur. Sfortunatament ħafna minn dawn il-kwadri żgħar ġew meqruda fl-imgħoddi, meta l-valur storiku u soċjali tagħhom ma kienx apprezzat, iżda oħrajn għadhom jeżistu. Għandhom siwi ġmielu għal min irid jistudja l-ħajja soċjali u l-ambjenti domestiċi tal-Maltin fl-imgħoddi. Issibhom f'ħafna knejjes Maltin, iżda l-aktar magħrufa għalihom huma s-Santwarju tal-Madonna fil-Mellieħa, Ta' Pinu Għawdex, tal-Ħerba Birkirkara, tal-

Ħniena l-Qrendi, tad-Dawl Wied il-Għajn u tal-Grazzja Ħaż-Żabbar. Tista' tgħid li huma kollha żgħar, għalkemm kultant issib xi kwadru kbir, bħal Madonna tal-Ħniena, it-titular l-antik, f'Bir-id-Deheb. Dawn il-kwadri huma sensiela ta' arti vernakulari. Kultant flimkien mal-kwadri ssib ukoll biċċiet ta' ktajjen, ħbula, krozzi jew ħwejjeġ oħra marbuta ma' l-inċident jew marda ta' min ikun għamel il-wegħda.

### *Kwadri "Ex Voto" f'Kappelli Żwieten*

Fiż-Żejtun tnejn huma l-knejjes li fihom għadek issib minn dawn il-kwadri: tal-Ħniena f'Bir-id-Deheb, u tad-Dawl fil-Bidni, li għalkemm illum tinsab fil-limiti ta' Wied il-Għajn għadha fil-kura tal-Kleru Żejtuni, u fl-imgħoddi damet is-snin kbar fil-limiti taż-Żejtun. Dan ma jfissirx li fis-snin li għaddew knejjes oħra fiż-Żejtun, bħal Santa Marija fir-Raħal ta' Fuq u Santa Marija ta' Ħal-Tmiem, ma kienx fihom kwadri bħal dawn. Forsi wkoll f'San Girgor kien hemm kwadri simili, iżda llum m'għadhomx jeżistu. F'tal-Ħniena barra t-titulari kbir u qadim li semmejna, għad baqa' tlieta żgħar oħra, li huma mdendlin fil-kuritur wara l-altar maġġur. Wieħed hu pittura fuq l-injam, li mill-istil jidher jappartjeni għas-seklu 19. Fih jidhru sajjieda milquta minn maltempata kbira bis-sajjetti. Huma jsalvaw mill-għarqa bl-interċessjoni tal-Madonna. Dan il-kwadru ċkejken saritlu ħsara, li għadha tidher, fl-attakk mill-ajru li sar nhar it-2 ta' Jannar 1942, meta waqa' s-saqaf tal-Knisja u wkoll iġġarrfu xi ħitan minnha. Kwadru ieħor tal-wegħda jirrappreżenta wkoll każ li ġara fuq il-baħar. Kitba li hemm fuqu tgħidilna kif ċertu Konsilju Caruana kien ħareġ jistad ma' sħabu fuq kajjikk, meta dan ġie attakkat minn ħuta kbira. Ġew meħlusa meta talbu lill-Erwieħ tal-Purgatorju, li huma wkoll rappreżentati fil-kwadru titulari antik li semmejna.

Il-knisja ċkejkna tad-Dawl hi aktar rikka, għaliex fiha naraw

aktar minn għoxrin minn dawn il-kwadri qodma. Huma kollha mdendlin fis-sagristija u l-parti l-kbira tagħhom huma ddatati. Tista' tgħid li ħafna minnhom jappartjenu għas-seklu 18 u allura huma aktar qodma minn dawk li hemm f'tal-Ħniena. Naturalment peress li l-parti l-kbira saru b'wegħda mal-Madonna tad-Dawl minn baħħara, ħafna jfakkru inċidenti fuq il-baħar. Mhux f'wieħed u tnejn tidher il-bandiera ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Hi ħasra li din il-knisja ħelwa u storika hi dejjem magħluqa u allura dawn il-kwadri ma jistgħux jiġu apprezzati. Hawn naraw ukoll imdendlin xi fdalijiet li jfakkruna fix-xwieni u opri oħra tal-baħar.

### *Kwadru ta' wegħda magħmula ma' Santa Katarina*

Ftit taż-żmien ilu, l-attenzjoni tiegħi ġiet miġbuda għal kwadru ċkejken ta' wegħda, f'kollezzjoni privata, wegħda li din id-darba saret ma' Santa Katarina ħaġa pjuttost rari.



Hu kwadru sabiħ fiċ-ċokon tiegħu u li fih il-kitba; "Lode, e venerazione ognor si preste all' Invitta Santa Catarina in Cielo Gloriosa che nel' esaudir il voto di Carmela Spiteri concesso' a questa la grazia di liberar dalla Colera a sua germana Generosa. 1837. P.le A.us pinxit." Mela l-kwadru ġie offrut minn Carmela Spiteri li qalgħet il-grazzja bl-interċessjoni ta' Santa Katarina, tal-fejqan ta' oħta ġeneroża mill-marda tal-kolera fl-1837. Il-kwadru jġib l-inizjali tal-pittur. Ix-xbieha ta' Santa Katarina tidher fir-rokna ta' fuq fix-xellug. Għandha l-kuruna fuq rasha u l-palma f'idha l-leminija, filwaqt li x-xellugija tistrieħ fuq ir-rota bis-skieken. F'parti mill-kwadru tidher waħda marida fuq sodda b'ċelu, is-saċerdot qiegħed jamministralha s-Sagrament tal-Griżma tal-Morda, billi jidilkilha idha l-leminija. Jidhru wkoll mara għarkubbtejha tixxotta d-dmugħ b'xugaman, u abbati għarkubbtejh bil-fanal tal-Vjatku fl-art quddiemu. Dan l-abbati qed iserraħ id waħda ma' mejda li fuqha jidher Kurċifiss u żewġ xemgħat mixgħula. L-art hi taċ-ċangatura. Tgħid is-saċerdot li qed jamministra lil Ġeneroża s-Sagrament tal-Griżma hu Dun Bert Sant kappillan taż-Żejtun, li miet propju bil-marda tal-kolera fl-1837, wara li kien jassisti f'din il-parroċċa lill-morda bil-kolera?

***Ġeneroża u Carmela Spiteri***

Tgħiduli, "Fejn taf minn fejn ġie dan il-kwadru?" Inwieġeb, "Veru li seta' kien f'xi parroċċa oħra per eżempju, fiż-Żurrieq." Imma jien naħseb li l-wegħda saret fiż-Żejtun, mhux biss għaliex dan il-kwadru ilu għand familja Żejtunija snin kbar, imma wkoll minħabba l-isem Ġeneroża, isem li qajla ssib f'xi parroċċa oħra filwaqt li fiż-Żejtun fl-imgħoddi kien ħafna komuni, minħabba l-preżenza fil-knisja parrokkjali tal-korp sant ta' Santa Ġeneroża. Niġi issa għall-aħwa Ġeneroża u Carmela Spiteri. Min setgħu kienu? Mhux ħaġa ħafifa li twieġeb b'ċertezza assoluta, iżda

r-riċerki li għamilt fl-arkivju parrokkjali taż-Żejtun wassluni għal ċerta familja Spiteri li kienet tgħix fiż-Żejtun dak iż-żmien.

Anġlu Spiteri żżewweġ fiż-Żejtun lil Duminka Cachia nhar it-12 ta' Mejju 1789. Fost l-ulied kellhom lil Carmela li twieldet fl-1794, lil Ġeneroża (1800), Carmela oħra (1804), Salvu (1803) u Giovanni (1804). Dan ta' l-aħħar, meta kiber beda jistudja għal qassis, iżda ma kompliex. Anġlu Spiteri, li kien negozjant, miet fl-1846, filwaqt li martu Duminka mietet fl-1861, fl-eta' ta' 95 sena! Din il-familja li kienet toqgħod f'Bisqallin, jiġifieri fir-Raħal t'Isfel, kienet imlaqqma "Ta' Ferriġġi". Għandi x'nifhem li l-kwadru tal-wegħda li dwaru tkellimna kien jirrigwarda l-marda ta' din Ġeneroża Spiteri, u kienet oħtha Carmela li għamlet il-wegħda. Ġeneroża fieqet, filwaqt li oħtha Carmela mietet nhar l-1 ta' Marzu 1841. Ġeneroża, li baqgħet ma żż ewġitx, mietet ħafna snin wara oħtha Carmela, jiġifieri nhar il-21 t'Awissu 1872. Kienu joqogħdu fi Pjazza Bandoliere.

Salvu Spiteri u ħuħ Giovanni, wara li kibru u żżewġu, kellhom subien li saru saċerdoti. Ġużeppi Spiteri, bin Giovanni Spiteri u Katarina mwielda Agius, twieled fl-1835 u sar saċerdot fl-1858, filwaqt li Anġlu Spiteri, bin Salvu Spiteri u Maria Concetta mwielda Galea, twieled fl-1847 u sar saċerdot fl-1871. Allura Dun Ġużepp Spiteri u Dun Anġ Spiteri, Ta' Ferriġġi, it-tnejn neputijiet ta' Ġeneroża u Carmela Spiteri, kienu primi kuġini. Aktar tard Dun Ġużepp Spiteri tela' joqgħod fi Triq San Girgor. Dan Dun Ġużepp miet fl-1893 u kuġinuh Dun Anġ miet 10 snin warajh.

Tistagħġeb kif bi ftit riċerka storika tista' tislet tagħrif interessanti minn kwadru ċkejken tal-wegħda dwar waħda mill-familji li fl-imgħoddi kellha sehem importanti fl-Istorja tal-Knisja fiż-Żejtun!

***Kan. Dun Joe Abela***